**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 186/18 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-15 t'April 1984 u dan kif inhu evidenzjat miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala **Dok. A**;

Illi frott ta' dan iż-żwieġ twieldu żewġt ulied u ċioe' Clint Griscti li twieled nhar il-21 t'Ottubru 1985 u Kurt Griscti li twieled nhar il-15 ta' Jannar 1990 u li għalhekk illum għandhom aktar minn 23 sena u konsegwentement l-ebda manteniment m'hu dovut lilhom;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati għal aktar minn erba' (4) snin u kif jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni viġenti bejniethom datat l-14 ta' Jannar 2013 u publikat fl-Atti tan-Nutar Nicholas Vella (ara **Dok. B** hawn anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

Illi *ai termini* tal-istess kuntratt esebit (ara klawsola numru tnejn ta' **Dok. B**), l-ebda manteniment m'huwa dovut bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata li permezz taghha ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrenti, stante li hija ma tbati xejn mill-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Lulju, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Jannar, 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.